MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 410/2010

Rikors Guramentat Nru. 410 / 10RGM

Kawza fil-lista: 30

**A maghruf bhala B C**

**vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu fil-hmistax (15) ta' Marzu elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) u minn liema zwieg twieldu sebat itfal Ibtihal C, Hamza C, Abdul Rahman C, Zienab C, Moad C, Ahmed C, Emira C.

2. Illi l-intimata kkomettiet adulterju u twieled il-minuri Carl C u bdew il-proceduri ta’ *denegata paternita*' kontestwalment ma’ dina l-kawza.

3. Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-esponenti ta' mohqrija psikologika, eccessi w ingurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

4. Illi l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali ghal aktar minn tlett (3) snin mill-gumata tal-prezentata ta' dina l-kawza.

5. Illi b’digriet moghti fil-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, awtorizzat lill-esponenti sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimata.

Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti;

3. Tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

4. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attur.

5. Tordna li l-intimata thallas lill-attur rata ta' manteniment ghat-trobbija tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta fejn issottomettiet is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-attur ma giex awtorizzat illi jipprocedi ghall-kawza ta' separazzjoni.

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti tichad illi hija responsabbli ghall-falliment taz-zwieg bejn il-partijiet li falla minhabba l-vjolenza, eccessi u ingurji gravi illi gew kommessi mill-attur fil-konfront tal-esponenti illi kemm il-darba kellha titlaq mid-dar konjugali minhabba tali eccessi u vjolenza. Ghalkemrn l-esponenti kemm il-darba tat lill-attur l-opportunita illi jergghu jibdew hajja mill-gdid, u fil-fatt kienet anke cediet kawza ta' separazzjoni illi kienet gharnlet (Citaz. Nru. 162/2008), l-attur dejjem rega kien vjolenti u wera kontinwament nuqqas ta' rispett fil-konfront tal-esponenti kif ser jigi ppruvat. Inoltre, l-attur ma kienx jaghti flus lill-esponenti minkejja l-familja kbira li kellhom bir-rizultat illi spiccat tghix fuq l-ghajnuna socjali,

3. Illi kien ghalhekk illi l-esponenti kienet giet kostretta illi tabbanduna d-dar matrimonjali u tghix fl-istrutturi ta' l-istat.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz taghha ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi matul iz-zwieg bejn il-partijiet, l-attur rikonvenzjonat kien responsabbli fil-konfront tal-esponenti ghal mohqrija, fizika u psikologika, tghajjir quddiern it-tfal, vjolenza, frugalita, nuqqas ta' rispett lejn il-figura femminili, misogenija u eccessi ohra fosthorn li kien jobzqilha regolarment kif ukoll theddid li ser ihanxrilha ghonqha.

Illi dan it-trattarnent inuman u degradanti tal-esponenti da parti tal-attur rikonvenzjonat irrenda l-hajja konjugali mpossibli minkejja illi l-esponenti ghamlet minn kollox sabiex issalva z-zwieg ta' bejn il-partijiet. Illi l-esponenti kemm-il darba kellha titlaq id-dar matrimonjali minhabba l-agir tal-attur rikonvenzjonat irnrna regghet lura halli tiehu hsieb uliedha sakemrn eventwalrnent, kellha tabbanduna definitivarnent id-dar rnatrimonjali.

Illi l-attur rikonvenzjonat tant kernm hu figura awtoritarja u rnisogena illi l-anqas qed ihalli lill-attrici tara lil uliedha u qed icahhad lil ulied bniet mill-edukazzjoni li jixtiequ.

Illi l-esponenti tixtieq illi tkun responsabbli ghat-trobbija ta' l-ulied tal-partijiet imma l-attur rikonvenjonat qed icahhadha rnilli jkollha kwalunkwe sehem f'tali trobbija u anke qed icahhadha milli jkollha kwalunkwe access ghalihom.

Illi ghalhekk ghandha tkun dina l-Onorabbli Qorti li tiddeciedi x'inhu l-ahjar interess ta' ulied il-partijiet.

Illi huwa evidenti illi l-attur rikonvenzjonat ghandu stil ta' hajja li tirrifletti l-kultura ta ' art twelidu imma li m'hix kompatibbli ma’ dik illi wiehed jistenna f socjeta demokratika u sekulari.

Ghaldaqstant jghid l-attur rikonvenzjonat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti mghandhiex :

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba mohqrija, fizika u psikologika, tghajjir quddiem it-tfal, vjolenza, frugalita, nuqqas ta' rispett lejn il-figura femminili, misogenija u eccessi u ingurji ohra illi kissru irrimedjabilment iz-zwieg bejn il-partijiet u dana mputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat.

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti.

3. Tapplika fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat l-effetti kollha tal-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 fejn applikabbli.

4. Tordna li l-kura u kustodja tal-rninuri tigi fdata esklussivament f’idejn l-esponenti.

5. Tordna illi l-attur rikonvenzjonat ihallas lill-esponenti rata ta' manteniment ghat-trobbija tal-minuri.

6. Tawtorizza lill-esponenti terga tiehu kunjomha xebba.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat li filwaqt li l-attur ressaq il-provi tieghu, il-konvenuta naqset milli tixhed jew tressaq provi ohra nonostante li inghatat diversi opportunitajiet biex taghmel dan.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.[1]

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Mill-provi prodotti jirrizuta li l-attur u l-konvenuta izzewgu fil-15 ta' Marzu 1994 u minn dan iz-zwieg kellhom sebat itfal. Izda l-hajja matrimonjali aktar ma beda ghaddej iz-zmien aktar bdiet tmur ghal aghar.

L-attur spjega fl-affidavit tieghu[2] illi minn qabel ma zzewgu l-konvenuta kienet tabbuza mid-droga izda kienet ghamlet sforz biex taqta l-vizzju u kien jidher li rnexxielha. Gara izda illi wara li zzewgu darba minnhom mar id-dar u ma sabx lill-konvenuta hemm. Il-girien qalulu li kienu gew il-pulizija u arrestawha. L-ghada ittellet il-Qorti akkuzata b'serq li kien sehh zmien sew qabel izzewgu. Fl-2001 mietet omm il-konvenuta u nbidlet ghal kollox. Kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenuta tircievi telefonata u titlaq mid-dar ghal erbat ijiem u thalli lill-attur bit-tfal minghajr ma tghidlu fejn sejra.

Kien hemm okkazzjoni fejn mill-iskola tat-tfal kienu cemplulu xi siegha wara l-hin tat-tmiem tal-iskola peress li l-konvenuta ma kenitx marret tigbor lit-tfal. Meta gabar lit-tfal u mar id-dar isib lill-konvenuta fuq it-telefon. Inholqu diversi argumenti bejniethom minn hemm 'il quddiem u minn hemm irrealizza li l-konvenuta kienet regghat bdiet tiehu d-droga. Bdiet spiss titlaq mid-dar ghal numru ta' granet minghajr ma tghid lill-attur fejn sejra. Okkazzjoni minnhom hadet maghha liz-zewg itfal iz-zghar u marret Merhba Bik u damet hemm madwar tlett xhur izda marret lura d-dar.

Finalment telqet mid-dar u ma regghetx irritornat. L-attur ghalhekk fetah dawn il-proceduri. Ghalkemm waqt il-medjazzjoni kienu ftehmu illi jkollha access ghat-tfal, il-konvenuta rari kienet tezercita l-access.

[1] Fol. 108
[2] Fol. 28

Jispjega illi kemm ilha li telqet il-konvenuta mid-dar, il-hajja fid-dar hija hafna aktar kalma u kompla jrabbi lill-uliedu wahdu. Sa fejn jaf, l-omm regghat qabdet il-vizzju li tikkonsma d-droga u ma ghamlitx aktar kuntatt la mieghu u lanqas mat-tfal.

Assi tal-komunjoni ma hemm xejn peress li l-fond fejn kienu joqghodu flimkien mat-tfal huwa bil-kera.

Emira C, wahda minn ulied il-kontendenti[3] xhedet illi meta l-konvenuta kienet ghadha tghix maghhom hija kienet titlaq mid-dar ghal granet shah minghajr ma jkunu jafu fejn marret. Kienu jirreferu ghaliha bhala li marret ‘vaganza’. Hija spjegat illi kull sena ommha kienet tabbanduna d-dar ghal ta’lanqas tlett xhur. F’dawk ix-xhur ma kienux ikunu jafu fejn qeghda ghaliex ma kenitx tghidilhom fejn sejra u ma kentix tirrispondi l-mobile.

Ix-xhud spjegat illi l-hajja fid-dar minghajr il-konvenuta hija hafna ahjar minn meta kienet tkun il-konvenuta d-dar. Tghid li filwaqt li l-konvenuta kienet tqum fl-ghaxra ta’ filghodu, x-xhud u hutha kienu jqumu kmieni sabiex jippreparaw il-hwejjeg u l-kolazzjon. Kienu neqsin hafna mill-attenzjoni tal-omm tant li dejjem kienu jistudjaw wahedhom u riedu wkoll jiehdu hsieb id-dar peress li ommhom ma kienet taghmel xejn u meta kienet tkun id-dar kienet tqatta l-hin rieqda jew tara t-televizzjoni.

Meta kien joqrob is-sajf il-konvenuta kienet tibda tghid lil uliedha li kienet sejra ‘holiday’.

Tirrakkonta illi meta kien hemm perijodu qasir li l-attur gie mkecci mid-dar u d-dar kienet f’idejn il-konvenuta, ix-xhud tiddeskrivihom bhala “l-aghar tlett xhur ta’ hajti” peress li fid-dar ma kien hemm dixxiplina ta’ xejn u kullhadd jaghmel li jrid. Tghid li kieku baqghu hekk l-affarijiet kienet zgur tirrovina hajjitha. “F’dawk ix-xhur kulhadd seta jaghmel li jrid. Huti u jien konna nqattghu barra mid-dar sa saghtejn ta’ filghodu,…….. id-dar qatt ma kienet tkun nadifa. Kienet tonfoq kwazi l-flus kollha fis-sigaretti u meta kienet tirrealizza li l-flus ma kienux se jservuha sa l-ahhar tax-xahar kienet takkuza lil hija li kien qed jisraq il-flus minghandha u jtihom lil missieri.”.

Xhed Moqmen Abu Isaaki li ilu jaf lill-attur ghal numru ta’ snin. Jghid li ghal habta ta’ nofs is-sena 2010 l-attur kien staqsih dwar mara li kienet tkun bieb il-Belt. L-attur kien qallu li dik il-mara kienet il-mara ta’ habib tieghu ghalhekk dan ix-xhud hassu liberu li jghidlu dak li kien jaf fuqha. Ix-xhud kien jaf li dik il-mara kienet tipprostitwixxi ruhha u kienet ukoll tabbuza mid-droga. Huwa jiddeskrivi lill-konvenuta bhala ‘mara imhawda hafna’,

Ikkunsidrat;

Mill-provi imressqa mill-attur, li ma gew bl-ebda mod kontradetti, gie ppruvat sodisfacentement illi ghat-tkissir taz-zwieg kienet tahti unikament il-konvenuta. Jirrizulta illi l-vizzju tad-droga li kien irnexxielha teghleb qabel il-partijiet izzewgu, rega’ hakimha wara li zzewgu li wassal ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

Ulied il-partijiet illum jghixu ma’ missierhom l-attur u hija l-fehma tal-Qorti li dan l-istat ta’ fatt ghandu jkompli.

[3] Fol. 76

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta u l-eccezzjonijiet taghha, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali u tiddisponi mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess billi tiddikjara li ma hemmx assi tal-komunjoni tal-akkwisti x'jigu divizi u tordna li l-effetti li qeghdin fil-pussess tal-attur jigu assenjati lilu u l-effetti li qeghdin fil-pussess tal-konvenuta jigu assenjati lilha.

3. Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tal-artikoli 48 sal-artikolu 51 tal-Kap 16.

4. Tordna li l-kura u kustodja ta' ulied minuri l-partijiet tigi affidata esklussivament f'idejn l-attur.

5. Tichad il-hames talba peress li mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuta ghandha xi dhul.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------